

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Jannar 2013 —  
Il-Greċja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-46/09) <sup>(1)</sup>

*(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament — Ipproċessar ta’ frott taċ-ċitru, qoton, laħam taċ-ċanga u tal-vitella u żejt taż-żeġbuġa — Verifika finanzjarja — Kontrolli prinċipali — Proporzjonalità — Rikorrenza — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2013/C 63/34)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: V. Kontolaimos, I. Chalkias, S. Charitaki u S. Papaioannou, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Markoulli u H. Tserepa-Lacombe, aġenti, assistiti minn N. Korogiannakis)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/960/KE, tat-8 ta' Diċembru 2008, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż imġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (ĠU L 340, p. 99), sa fejn teskludi ċertu nfiq magħmul mir-Repubblika Ellenika.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 90, 18.4.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013 — Reber vs UASI — Wedl & Hofmann (Walzer Traum)**

(Kawża T-355/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Walzer Traum — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Walzertraum — Assenza ta’ użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament”)*

(2013/C 63/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Reber Holding GmbH & Co. KG (Bad Reichenhall, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spuhler u M. Geitz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Wedl & Hofmann GmbH (Mils/Hall in Tirol, l-Awstrija) (rappreżentant: T. Raubal, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Lulju 2009 (Każ R 623/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Reber Holding GmbH & Co. KG u Wedl & Hofmann GmbH.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Reber Holding GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 282, 21.11.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013 — Gollnisch vs Il-Parlament**

(Kawżi magħquda T-346/11 u T-347/11) <sup>(1)</sup>

*(“Privileġġi u immunitajiet — Membru tal-Parlament Ewropew — Deċiżjoni li titneħħa l-immunità — Attività mingħajr rabta mal-kariga ta’ deputat — Proċedura ta’ tneħħija tal-immunità — Deċiżjoni li l-privileġġi u l-immunitajiet ma jiġux difiżi — Tmiem tal-interess ġuridiku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2013/C 63/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Bruno Gollnisch (Limonest, Franza) (rappreżentant: G. Dubois, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. Passos, D. Moore u K. Zejdová, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament ta' deċiżjoni li l-immunità tar-rikorrent titneħħa, adottata mill-Parlament fl-10 ta' Mejju 2011, kif ukoll talba għal kumpens għad-danni subiti minnu f'din l-okkażjoni u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament ta' deċiżjoni li l-immunità tar-rikorrent ma tiġix difiża, adottata mill-Parlament fl-10 ta' Mejju 2011, kif ukoll talba għal kumpens għad-danni subiti minnu f'din l-okkażjoni.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors għal annullament u r-rikors għad-danni fil-Kawża T-346/11 huma miċħuda.

(2) Ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament fil-Kawża T-347/11.

- (3) *Ir-rikors għad-danni fil-Kawża T-347/11 huwa miċħud.*
- (4) Bruno Gollnisch huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawżi T-346/11 u T-347/11.

(<sup>1</sup>) ĠU C 252, 27.8.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013 — Solar-Fabrik vs UASI (Premium XL u Premium L)**

(Kawżi magħquda T-582/11 u T-583/11) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali Premium XL u Premium L — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 63/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Solar-Fabrik AG für Produktion und Vertrieb von solartechnischen Produkten (Freiburg im Breisgau, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)

Konvenut: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Settembru 2011 (Każ R 245/2011-1 u Każ R 246/2011-1) li jikkonċernaw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Premium XL u tas-sinjali verbali Premium L rispettivament bħala trade marks Komunitarji.

**Dispożittiv**

- (1) Il-Kawżi T-582/11 u T-583/11 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- (2) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*
- (3) *Solar-Fabrik AG für Produktion und Vertrieb von solartechnischen Produkten hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 25, 28.1.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2013 — FunFactory vs UASI (Vibrateur)**

(Kawża T-137/12) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali — Vibratur — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament 207/2009 — Drittijiet tad-difiża — It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2013/C 63/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: FunFactory GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K.-D. Franzen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Jannar 2012, (Każ R 1436/2011-4), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tridimensjonali fil-forma ta' vibratur.

**Dispożittiv**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *FunFactory GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 157, 2.6.2012.

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2012 — Stromberg Menswear vs UASI — Leketoy Stormberg Inter (STORMBERG)**

(Kawża T-451/12)

(2013/C 63/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Stromberg Menswear Ltd (Leeds, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Tsoutsanis, avukat, u C. Tulley, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Leketoy Stormberg Inter AS (Kristiansand S, in-Norveġja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-3 ta' Awwissu 2012 fil-Każ R 389/2012-4;